

Brussell, 18 ta' Jannar 2017
(OR. fr)

5162/1/17
REV 1

Fajl Interistituzzjonali:
2013/0157 (COD)

CODEC 24
TRANS 8
MAR 7
FIN 10

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għall-forniment tas-servizzi portwarji u regoli komuni dwar it-trasparenza finanzjarja tal-portijiet (L-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv (AL + D)

1. Fit-28 ta' Mejju 2013, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 100(2) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ta l-opinjoni tiegħu fl-10 ta' Lulju 2013². Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fit-28 ta' Novembru 2013³.
3. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni fl-14 ta' Diċembru 2016. Ir-riżultat tal-vot tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill⁴.

¹ id-dok. 10154/13.
² ĠU C 327, 12.11.2013, p. 111.
³ ĠU C 114, 15.4.2014, p. 57.
⁴ id-dok. 15522/16.

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi lill-Kunsill:
- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, kif tidher fid-dokument PE-CONS 41/16, bid-delegazzjoni tar-Renju Unit tivvota kontra;
 - jiddeċiedi li fil-minuti ta' din is-sessjoni jiddaħħlu d-dikjarazzjonijiet li jidhru fl-Addendum għal din in-nota.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
